# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 20 ta' Novembru tas-sena 2001.**

**Numru 6**

**Avviz numru 834/01/SM**

**Westland Travel Agency Limited**

**vs**

**Edward O'Connor**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' elf sitt mija tmienja u erbghin liri Maltin (LM1648.00,0) rapprezentanti bilanc dovut lis-socjeta' attrici ghall-prezz ta' biljetti ta' l-ajru u akkomodazzjoni mibjugha lilu fuq rikjesta tieghu stess;**

**Bl-ispejjez ta' din il-procedura u ta' l-ittra tat-30 ta' Awissu, 2001, flimkien ma' l-imghax kummercjali skond il-ligi sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art 698 (2) u 702 Proc Civili);**

**Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fit-13 ta' Novembru tas-sena 2001 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**